**Stqarrija għall-istampa**

**Rata ta' fertilità baxxa ta' livell allarmanti titlob li fil-Baġit li ġej ikun hemm miżuri nazzjonali għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja**

L-aktar studju reċenti tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar il-popolazzjoni tal-pajjiż iwassal twissija dwar ir-rata tal-fertilità f'Malta, li hija estremament baxxa li, b'livell ta' 0.98, hija l-aktar waħda baxxa fl-Unjoni Ewropea. Il-fatt li r-rata tal-fertilità f'Malta tibqa' baxxa b'mod persistenti huwa ta' tħassib kbir u mistenni jwassal għal aktar riperkussjonijiet soċjali u ekonomiċi serji.

Il-Gvern Malti rrikonoxxa din l-isfida urġenti u introduċa miżuri baġitarji li jipprovdu inċentivi finanzjarji b'saħħithom biex in-nisa u l-irġiel ikollhom aktar tfal, inkluż skali tat-taxxa riveduti u żieda fic-children's allowances. Il-Baġit li jmiss issa għandu jindirizza aspett kruċjali ieħor ta' din ir-realtà: il-kapaċità tan-nisa u tal-irġiel li jibbilanċjaw il-ħajja tal-familja ma' dik tax-xogħol.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE), bħala l-korp tal-ugwaljanza f'Malta, ilha żmien twil issostni li x-xewqa u l-kapaċità li wieħed ikollu t-tfal huma marbutin mad-disponibbiltà ta' miżuri li jippermettu kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel irabbu familja filwaqt li jibqgħu jaħdmu u jiġġeneraw id-dħul. Studju tal-NCPE wera li wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tkabbir tal-familja f'Malta jinsab fid-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-ġenituri biex jibbilanċjaw ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja.

Ir-riċerka turi li, għalkemm kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jixtiequ jkollhom aktar tfal, ħafna mhumiex sodisfatti bit-tul qasir u l-kumpens limitat offruti taħt l-arranġamenti attwali tal-leave. Dawk li pparteċipaw fl-istħarriġ esprimew ħtieġa ċara għal leave tal-familja itwal u mħallas aħjar – inkluż il-leave tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, kif ukoll leave speċifiku għall-ġenituri meta t-tfal ikunu ma jifilħux.

Fid-dawl ta' dan, l-NCPE tappella lill-Gvern biex jipprijoritizza miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja fil-Baġit għall-2027. Dawn għandhom jinkludu żieda fid-drittijiet tal-leave imħallas relatat mal-ġenituri, speċifikament billi l-leave tal-maternità jiġi estiż għal sitt xhur, il-leave tal-paternità għal erba' ġimgħat, u l-leave tal-ġenituri għal sitt xhur b'paga sħiħa, b'tliet xhur allokati fuq bażi ta' 'jew jintuża jew jintilef'. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet legali u l-istrutturi li jappoġġjaw il-miżuri tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, bħal remote working u l-flexitime, għandhom jissaħħu u jiġu appoġġjati finanzjarjament.

Il-Gvern għandu wkoll ikompli jinvesti fit-titjib tal-kwalità tas-servizzi tal-kura tat-tfal u fil-provvista tas-servizz tal-Klabb 3-16, sabiex jagħmilhom aktar aċċessibbli u attraenti għall-

ġenituri u għat-tfal. B'mod partikolari, il-Gvern għandu jagħti sussidji lill-iskejjel li mhumiex tal-istat biex ikunu jistgħu jipprovdu dawn is-servizzi fil-bini tal-iskola. Dawn il-miżuri għandhom isostnu bilanċ aktar b'saħħtu bejn ix-xogħol u l-familja għall-ġenituri.

Billi jinvesti f'ambjent li jappoġġja b'mod ħolistiku lill-familji li jaħdmu, il-Gvern isaħħaħ l-ekonomija u jżid ir-reżiljenza tagħha quddiem l-isfidi kbar relatati mar-rati baxxi ta' fertilità. Miżuri bħal dawn jippromwovu wkoll aktar ugwaljanza bejn il-ġeneri għaliex jippermettu kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel jaqsmu r-responsabbiltajiet tal-kura u tax-xogħol b'mod aktar ekwu, filwaqt li jtejbu l-benesseri u l-kwalità tal-ħajja tal-ġenituri u tal-familji.

L-NCPE tħeġġeġ lill-Gvern biex jieħu azzjoni immedjata u deċiżiva biex jiżgura li n-nisa u l-irġiel li jixtiequ jkollhom it-tfal jingħataw l-appoġġ meħtieġ biex jagħmlu dan. L-għażliet li qed jagħmlu l-ġenituri prospettivi, kif jidher mir-rata ta' fertilità eċċezzjonalment baxxa f'Malta, juru l-urġenza tas-sitwazzjoni.

**25 ta' Settembru 2026**